

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6184 – Indorama/Sinterama/Trevira)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 140/12)

1. Fit-2 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Indorama Ventures Public Company Limited ("Indorama", it-Tajlandja), li l-kontroll aħħari tagħha hu fidejn Canopus International Ltd (il-Mawrizju) u Sinterama SpA ("Sinterama", l-Italja), jiksbu skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Trevira GmbH ("Trevira", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Indorama: il-produzzjoni u l-forniment ta' reżina tal-PET, preforms tal-PET u flieken tal-PET; il-produzzjoni u l-forniment ta' PTA; il-produzzjoni u l-forniment ta' bċejjeċ tat-tessut tal-poliester, fibri prinċipali, ħjut tal-filament u suf fin imqardax,
 - għal Sinterama: il-produzzjoni u l-forniment ta' ħjut tal-filament tal-poliester,
 - għal Trevira: il-produzzjoni u l-forniment ta' bċejjeċ tat-tessut tal-poliester, fibri prinċipali u ħjut tal-filament.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6184 – Indorama/Sinterama/Trevira, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").